# Knejjes, kappelli u oratorji li kienu jeżistu fil-Birgu

## Kitba ta' Gregory Gauci

**Tempera mutantur et nos mutantur cum illis**
**(iż-żmien jinbidel u aħna ninbidlu miegħu)**

**F'dan ix-xogħol qasir insibu informazzjoni dwar numru limitat ta' knejjes, kappelli u oratorji li ma għadhomx jidhru ġewwa 'l Birgu. Ħafna minnhom huma strutturi li kienu mibnija kemm fi żmien medjuevu u dak tar-rinaxximent. Fl-opinjoni tiegħi inħoss illi l-importanza ta' dan l-artiklu tinħass meta wieħed japprezza n-numru ta' kappelli mibnija f'post verament ċkejken fl-ispazju illi toffri din il-peniżula. Dan l-ilsien art maħruġ fil-Port il-Kbir li jiddomina ċ-ċentru tiegħu bi spazju ta' 175,000 metru kwadru u li kellu popolazzjoni ta' 2500 fl-1530 mal-miġja tal-Kavallieri ta' San Ġwann.**

**Kavallier Taljan, ċertu Nicola Marchesi, fis-sena 1728 iddikjara illi fl-istess sena il-Birgu kellu madwar 1000 familja b'medja ta' 4000 ruħ. Għalkemm din il-popolazzjoni baqgħet tiżdied, laħqet il-massimu fis-sena 1939 ftit qabel faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija meta l-popolazzjoni kienet 7000, naqset sakemm illum insibuha ftit ferm aktar minn 3,000. Allura ma hemmx għaliex wieħed jiskanta illi fir-riċerki tagħna sibna madwar 38 knisja, kappella u oratorju f'dan l-ispazju limitat tal-Birgu. Dan it-tagħrif huwa meħud mix-xogħol tiegħi, il-ktieb *Churches, chapels & oratories in Birgu,* li fih ġie spjegat madwar dawn it-38 knisja, kappella u oratorju li ħafna minnhom spiċċaw iżda l-oħrajn għadna nistgħu narawhom sal-ġurnata tal-lum.**

**Kappella ta' San Ġorġ**

**Din il-kappella kienet fi Triq il-Mina l-Kbira quddiem il-kunvent tad-Dumnikani. Din, immarkata b-irħama mal-faċċata, kienet kappella Griega mibnija mill-komunità Griega li kien hawn ġol Birgu. Dawn kienu l-istess Rodjani li ġew mal-Kavallieri fl-1530 wara li kienu ġew imkeċċija mill-gżira ta' Rodi fl-1522 mis-Sultan Ottoman Suleiman il-Manifiku. Din spiċċat u ma baqgħetx tiffunzjona u kellha destin qasir ferm sabiex isservi lil komunità Griega fil-Birgu u ġiet abbandunata u pprofanata fis-17-il seklu. Il-faċċata tagħha għadha teżisti. Din il-kappella qabel kienet iddedikata lil San Nikola.**

**...../ikompli**

**Kappella ta' San Nikola**

**Din il-kappella kienet mibnija fil-pjazza tal-Birgu (Misraħ ir-Rebħa) kantuniera ma' Triq Hilda Tabone, din ukoll immarkata b'irħama sabiex tfakkar is-sit tagħha fejn kien. Din intilfet matul is-snin u serviet bħala parroċċa tal-komunità Griega ġol Birgu. Il-kongregazzjoni inbidlet u saret dedikata lil San Nikola, iżda oriġinarjament kienet iddedikata lil Santa Agata kif taqra l-iskrizzjoni fuq l-irħama ta' mal-ħajt.**

**Kappella tal-Madonna ta' Damaxxena (Damasku)**

**Parti minn din il-kappella għadha teżisti fil-lok oriġinali tagħha fl-oratorju ta' San Ġużepp fejn illum insibu l-Mużew tal-knisja. Din kienet kappella parrokkjali tal-komunità Griega fil-Birgu u nbniet fl-1550 kif jindika fuq l-irħama ma' ġenb l-oratorju ta' San Ġużepp fir-rokna. Inbniet mill-istess Rodjani li ġew mal-Ordni ta' San Ġwann. Din inbniet minflok kappella oħra antika li kienet iddedikata lil Santa Katerina. Ġiet mibnija minn Nicolo' Flavari li kien impjegat mal-Kavallieri.**

**Il-kappella ta' Santa Katerina li kienet fil-post stess fejn inbniet din kienu jieħdu ħsiebha l-qlafat u dawk li jaħdmu fl-iċċumbar tal-ħbula. Santa Katerina hija l-patruna tal-qlafat li kienet sengħa importantissma fi żmien il-Kavallieri minħabba l-ħbula neċessarji tal-flotta. Peress li quddiem l-arsenali fejn illum insibu l-Mużew Marittmu kien spazju ferm limitat u ma kienx hemm fejn isir dan ix-xogħol, dan kien isir fi Triq it-Torri ta' San Ġwann fuq is-sur ma' ġenb il-French Curtain li llum in-nies tal-lokal għadhom isejħu bħala is-Sur tal-Kurdara.**

**Meta l-Griegi ġabu magħhom l-ikona tal-Madonna ta' Damascena bnew din il-kappella fejn ħadet l-istess isem tal-ikona. Din l-ikona ġiet meħuda l-belt Valletta minn hawn mill-Gran Mastru Verdalle u replika tagħha (għalkemm mhix preċiża bħalha) inħadmet minn nies tas-sengħa Griegi u issa hija preservata tajjeb fil-kappella fl-oratorju stess ta' San Ġużepp li qiegħed iservi bħala Mużew tal-knisja fejn fih wieħed isib bosta oġġetti u artifatti ta' nteress u valur enormi. Din il-kappella llum hija magħrufa bħala *La Madonna dei Greci (il-Madonna tal-Griegi).***

**...../ikompli**

**San Lorenzo-a-mare**

**San Lorenzo-a-mare (San Lawrenz mal-baħar) kienet knisja primittiva ddedikata lil San Lawrenz mibnija minn baħħara Spanjoli bl-għajnuna ta' rejiet Spanjoli tard fis-seklu 13 jew kmieni fis-seklu 14 wara li l-gżejjer tagħna kienu ġew maħkuma mill-qawwa Aragoniża fis-sena 1283. L-Aragoniżi tassew sabu dan l-ilsien art attraenti minħabba li s-sit kien kenni u servihom bħala port addattat għall-flottot tagħhom fil-Borgo maħruġ 'l barra fil-port bil-kastell Sant Anġlu fil-tarf tiegħu sabiex iħares lil dan il-villaġġ okkupat minn diversi sajjieda. Is-sit fejn inbniet il-knisja kien magħruf bħala Ta' Ħammuna u dan il-post kien diġà abitat ħafna qabel l-okkupazzjoni ta' dawn il-gżejjer mir-Rumani fis-sena 216-218 Qabel Kristu. Id-daqs tal-knisja kien xi 1/12 id-daqs ta' din preżenti. Il-bieb maġġur kien qrib ħafna tal-pulptu u l-altar maġġur kien taħt il-pittura ta' Preti u kienet ukoll tħares lejn il-baħar bl-istess direzzjoni ta' din tal-lum.**

**Aragoniż sinjur u nobbli, Don Filippu De Guevara, kien laħaq il-kappillan ta' din il-knisja fl-1505 u kellu devozzjoni kbira lejn dan il-qaddis San Lawrenz. Għalhekk waqqa' dik li bnew il-baħħara Spanjoli u bengħa oħra ftit akbar u isbaħ fl-1508 fuq stil Siculo-Normann. Fil-fatt din hi il-knisja illi sabu l-Kavallieri meta ġew fl-1530 u mhux dik li kienu bnew l-Ispanjoli. Jiġifieri kienet għadha knisja ġdida għax kellha biss 22 sena. L-ewwel ma kien għamel il-Gran Mastru L'Isle Adam kien li ddikjara din il-knisja bħala l-knisja Konventwali tal-Kavallieri f'Novembru fejn serviethom għal 41 sena sakemm marru 'l belt Valletta u bnew San Ġwann li ġiet dikjarata bħala t-tieni knisja Konventwali tagħhom.**

**Bl-ordni ta' Carlo V ta' Aragona il-Gran Mastru bagħat lil De Guevara sabiex imexxi l-parroċċa mill-knisja tal-Lunzjata li fil-fatt kienet ilha sentejn biss immexxija mid-Dumnikani li ġew mir-Rabat fl-1528 sentejn qabel il-Kavallieri. Hawn insibu li San Lorenzo-a-mare bħala l-knisja Konventwali kienet taqa' taħt il-ġuristizzjoni tal-Prijur tal-Ordni u l-kappillan ma kellu x'jaqsam xejn magħha. L-ewwel dokumentazzjoni insibuha fis-sena 1436 meta l-Isqof ta' Malta Mello de Noto magħruf ukoll bħala de Mello kien laħħaq lil Nicholas de Falsone bħala kappillan tagħha. Dan iżda ma jfissirx illi dan kien l-ewwel kappillan iżda jfisser illi hu kien dokumentat l-ewwel. Giacomo Bosio jgħidilna li De Guevara ħassu ħażin (attak tal-qalb) meta l'Isle Adam urieh id-Digriet ta' Carlo V sabiex iċedi l-knisja lill-Gran Mastru u nsibu illi sitt xhur wara kien ħalliena, f'Marzu 1531 u warajh kien laħaq kappillan Mangion.**

Din il-knisja ħadet in-nar u ġiet rovinata kważi għal kollox nhar l-ewwel ta' April 1532. Kien it-Tnejn tal-Għid u sofriet ħsarat kbar, x'aktarx minħabba l-blandun li kien tħalla' jixgħel matul il-lejl, u peress li kienet tliet kwarti minnha mibnija bl-injam inklus anki s-saqaf, dan kompla jinkuraġġixxi dan id-diżastru li seħħ biss wara 17-il xahar li waslu l-Kavallieri fostna. Ma hemm l-ebda informazzjoni kompluta dwar din il-knisja u nafu ftit ferm dwarha. Dak li nafu inkiteb minn Giacomo Bosio li kien l-istorjografu tal-Kavallieri fejn tana l-istorja tagħhom kemm damu hawn fi gżiritna.

Il-knisja reġgħet inbniet mill-ġdid fi żmien sena u kienet ħafna ikbar u isbaħ u kompliet isservi lil Kavallieri sakemm dawn telqu lejn il-belt Valletta f'Marzu tal-1571. Din l-istess knisja ġiet żarmata u mwaqqa' fl-1681 sabiex tinbena din il-ġawhra li għandna llum li hi l-għaxqa mhux biss tal-Vittorjosani iżda tal-viżitaturi kważi kollha li jiġu jżuruha. Dan ngħiduh b'esperjenza li akkwistajna bis-sigħat li nqattgħu fiha meta tinfetaħ għat-turisti u viżitaturi matul l-għodwa kuljum u dan nagħmluh sabiex nassistu lil dawk kollha li juru xi interess fiha.

Kappella ta' Sant'Antnin

Din il-kappella kienet il-parroċċa tal-Ordni ta' San Ġwann meta l-Kavallieri ġew Malta. Din kienet fi Triq Sant'Antnin stess wara l-knisja tat-Trinità. Din tal-aħħar kellha l-bieb prinċipali fi Triq San Lawrenz qabel. Illum dan il-bieb qiegħed fi Triq iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa peress li din it-triq kienet b'isem ieħor ta' Sant'Antnin u l-knisja tat-Trinità kienet iġġarfet fil-gwerra. Sfortunatament din il-kappella ta' Sant'Antnin mhix immarkata b'irħama bħal knejjes oħra. Kienet inqerdet totalment fil-gwerra li għaddiet. Fis-17-il seklu l-Ordni tal-Kavallieri kienet għalqet kompletament din il-kappella u ddeċidiet li ma tagħmel l-ebda użu minnha għal xi raġuni, iżda qabel serviet lill-Ordni bħala sostituta tal-knisja Konventwali San Lawrenz. Il-Gran Mastru kien trasferixxa l-ikoni li kien fiha lejn il-knisja tal-Vitorja fil-belt Valletta u għal din is-sempliċi raġuni il-knisja tal-Vitorja kienet ukoll magħrufa bl-istess isem ta' Sant'Antnin, dan dejjem skond id-dokumenti li sibna.

Insibu li t-tberik ta' diversi annimali kien isir barra din il-kappella. Il-Kavallieri kienu okkupaw din il-kappella ċkejkna minbarra dik ta' San Lawrenz u sal-aħħar gwerra dinjija kienet diġà pprofanata u tintuża bħala ħanut tax-xogħol ta' mastrudaxxa. Fi żmien l-Ordni kienet taħt il-kmand tal-Prijur tal-knisja Konventwali. Fil-preżent jeżisti disinn (sketch) tagħha u jinsab fil-Mużew tal-knisja magħmul minn ċerta Eliżabeth u Paul.

Oriġinarjament kienet forma rettangulari u l-faċċata tagħha qatt ma ġiet mibdula u baqgħet l-istess sakemm ġiet meqruda. Il-bieb prinċipal kellu tliet tarġiet quddiemu. Din kienet tamministra s-sagramenti lid-Donati tal-Ordni, jiġifieri dawk il-Kavallieri magħrufa bħala "Half Cross" (tan-nofs salib) u kienet isservi lil dawk l-individwi kollha. Il-kappillan tagħha kien ukoll suġġett għall-Prijur tal-Ordni, u għal xi żmien kien Fra Antonio de Corogna li aktar tard kien laħaq il-Prijur tal-knisja Konventwali San Lawrenz. Fil-knisja parrokkjali San Lawrenz insibu lapida kbira tal-irħam fil-kappella ta' Santa Katerina. Fil-fatt hemm żewġ lapidi, imma dik li tikkonċernana hi dik fuq il-lemin meta tħares lejn il-vara ta' Santa Katerina. Fil-lapida hemm l-iskrizzjoni kompluta ta' meta miet, kemm kellu żmien u meta laħaq Prijur tal-knisja Konventwali de Corogna. Irħama tassew interessanti peress li dan kien it-tieni Prijur tal-knisja Konventwali, jiġifieri l-ewwel wieħed wara dak li kien laħaq minn l'Isle Adam kif il-Kavallieri ġew Malta.

Il-pittura tal-altar maġġur ta' din il-kappella kienet inġiebet minn Rodi fl-1530 iżda ttieħdet fil-belt Valletta fl-1617. Dan ġara wara editt fis-sena 1603 u kkonfermat mill-Papa Pawlu V li ddeċieda dwar bini ta' knisja fil-belt Valletta bħala dritt mill-kappella ta' Sant'Antnin tal-Birgu. Kien il-Gran Mastru Wignacourt li ġie il-Birgu akkunpanjat mill-Prijur Fra Pietru de Warsea Camarosa u l-kappillani konventwali taħt l-att ta' Fra Othony Bosio viċi Kanċillier. Fost dawn kien hemm patrijiet ta' Monti Carmeli, Dumnikani mill-belt Valletta u Franġiskani Konventwali u s-soċjeta ta' Santa Barbara. Il-Kavallieri u xi Maltin daħlu fil-kappella flimkien mal-Gran Mastru u Kavallieri oħra sabiex iġibu l-Immaġni Qaddisa wara l-qari mill-Gran Kunsill tal-Ordni. Fi ftit kliem hija tassew ħasra kbira li ma baqa' xejn minn din il-kappella ċkejkna bi storja kbira.

Knisja ta' Sant'Andrija

Din il-knisja kienet mibnija fix-xatt storiku tal-Birgu ma' ġenb il-ħabs l-antik li kien ġie mħaffer mill-istess Ordni għall-ilsiera. Din ġiet imwaqqa' mill-istess Ordni fi żmien il-Gran Mastru Gregorio Carafa sabiex jibni minflok il-ħamest imħażen għall-użu tal-flotta fl-1689. Is-sit ta' din il-knisja huwa mmarkat u mfakkar issa permezz ta' salib magħluq ġewwa niċċa kbira mal-faċċata ta' wieħed mill-imħażen imsemmija maġenb il-mina li tagħti għall-ħabs u għan-naħa l-oħra li jinfed għall-Kalkara. Din in-niċċa tkun dejjem magħluqa. Is-sajjieda lokali, li l-patrun tagħhom huwa Sant'Andrija, kienu taw kontribut qawwi finanzjarju għall-bini ta' din il-knisja fis-sena 1524 għall użu spiritwali

**tas-sajjieda. Illum insibu il-mina (daħla) fit-tieni maħżen fejn hemm in-niċċa msemmija. Dan il-bini huwa magħruf bħala Carafa Building. Sas-sena 1613 din il-knisja kienet diġa mitluqa u pprofanata. Benefizzju (ta' knisja jew qassis iżda mhux ta' isqof) kien diġà jeżisti f'din il-knisja li kienet magħrufa l-aktar bħala San Andrea al Borgo fl-atti tan-nutar Vincenzo Bonaventura f'April 1537. Aktar tard, sas-sena 1688, kienet diġà kważi abbandunata. It-Teżor tal-Ordni ried li juża is-sit ta' fejn kienet bħala mħażen għall-ħtiġijiet tal-flotta.**

**Is-salib li hemm ġewwa n-niċċa tal-injam jindika in-natura sagra ta' dak il-bini bħala knisja u probabilment dak li sar kien minħabba n-neċessita' ta' aktar spazju għall-istess flotta li kienet tieħu importanza kbira mill-istess Kunsill u t-teżor tal-Ordni. Dan is-salib serva ukoll għall-galjeri deħlin u ħerġin fil-port fejn ta' kull darba kienu jsellmu lil dan is-salib ġon niċċa bl-istess mod kif kienu jagħmlu meta kien hemm il-knisja qabel ma twaqqgħet. Diversi baħħara interessanti fiha baqgħu jieħdu ħsieb sew tal-knisja, u wara, tas-salib anki wara li l-Ordni ħalliet Malta fl-1798.**

**Żewġ kwadri ta' pittura ta' nteress li fihom il-martirju ta' Sant'Andrija kienu f'din il-knisja żgħira u issa qegħdin fil-kor tal-knisja preżenti San Lawrenz f'kull naħa' mal-ħajt fuq il-bankuni tal-kanonċi. Dawn huma replika tal-oriġinal ta' Guido Reni u Domenico Zampieri, liema oriġinali qegħdin Ruma. Dawn huma preservati tajjeb fl-oratorju ta' San Andrija fil-knisja ddedikata lil San Gregorio ta' Monte Celio. Il-kopji li għandna fil-kor tal-knisja parrokkjali ma nafux ta' min huma iżda l-oriġinali nafu skont id-dokumenti tal-kanonku storiku Gianmarie Farrugia. Dawn id-dokumenti ta' importanza qegħdin fl-arkivji ta' San Lawrenz fil-Birgu.**

**Kappella ta' San Bastjan**

**Fuq l-istess sit fejn illum insibu l-ewwel kampnar tal-knisja San Lawrenz, li din is-sena stess jagħlaq tliet mitt sena, kien hemm mibnija minflok il-kappella storika ta' San Bastjan. Sfortunatament din il-kappella ftit ferm nies lokali jafu biha. Din il-kappella inbniet minn baħħara Spanjoli wara l-epidemija tal-pesta fl-1519. Kienet is-sena 1584 meta l-Isqof Tommaso Gargallo, isqof Taljan ta' Malta, iddeċieda jerġa' jibni lil din fuq l-istess sit u kien fi ħsiebu jiddedikaha lill-Madonna ta' Monserrat li kien devot kbir tagħha. Hu rnexxielu jibni l-kappella minn butu stess iżda għal xi raġuni li ma nafux x'kienet id-dedika baqgħet l-istess lil San Bastjan. Din il-kappella kienet aktar tard magħrufa bħala "il-Grotta ta' San Bastjan" għaliex kienet żgħira u b'saqaf baxx wisq. Il-**

**kappella oriġinali kienet tinkorpora ġnejna magħha iżda dak li kien jieħu ħsiebha aktar kien jagħti kas tal-ġnejna milli tal-kappella. Il-kappella għalhekk spiċċat rovina, mitluqa għal kollox, u dan il-fatt kien li ġiegħel lil Isqof Gargallo iwaqqagħha u jibni oħra minflokha.**

**Oratorju ta' Santa Marija**

**Dan l-oratorju kien mibni fejn illum insibu s-sagristija u l-Awla u l-Mużew Kapitulari tal-knisja San Lawrenz. Kif diġà semmejna fuq is-sit tal-knisja preżenti kien hemm dawn il-kappelli, San Lorenzo-a-mare, il-kappella San Bastjan, u l-oratorju ta' Santa Marija. Dan il-lokal kien magħruf bħala *Ras il-Knejjes*. Il-kwadru tal-pittura ta' Santa Marija li għandna fil-kappellun tal-knisja kien dak prinċipali ta' dan l-oratorju wara l-altar. L-artist mhux magħruf u sar fuq kummissjoni tal-Kavallieri fis-sena 1677. Fir-rokna isfel fuq il-lemin hemm salib żgħir abjad tat-tmin ponot tal-Kavallieri.**

**Kien is-Sibt 23 ta' Ottubru tal-1723 f'xi l-5 ta' wara nofs inhar meta l-isqof ta' Malta Gori Mancini ġie f'dan l-oratorju, li kien imżejjen sew għall-okkażżjoni, meta l-isqof apprezza u għaraf ir-relikwi li kienu jeżistu fih. Dawn ir-relikwi kienu donazzjoni tal-Inkiżitur. Kienu f'kaxxa żgħira taċ-ċomb u miksija bil-lama ħamra. Dawn kienu id-driegħ ta' Santa Tranquillina, verġni u martri, biċċa mir-ras ta' San Aurelio martri u biċċa mir-ras ta' Santa Veneranda, martri oħra. Wara, l-isqof mar fil-palazz tal-Inkiżitur bħala mistieden, fejn kien qatta' l-lejl hemm. L-isqof. mgħejjun mill-Kapitolu tal-parroċċa, ta bidu għaċ-ċerimonja tal-Konsagrazzjoni tat-tempju ta' Lorenzu. Preżenti ukoll kien hemm l-Inkiżitur Antonio Ruffo.**

**Kienet is-sena 1797 fl-ewwel ta' Jannar li l-Beneficiati (Kulleġġ uniku magħmul minn tnax-il qassis fil-knisja ta' San Lawrenz) inġabru f'dan l-oratorju mal-Inkiżitur fejn il-Kanċillier Don Ignazio Debono beda jaqra il-*Breve.* L-Inkiżitur, li kien Giulio Carpegna (l-aħħar Inkiżitur f'Malta), wara ta lill-kappillan tal-knisja Don Gian Battista Delia il-pussess, u wara lill-istess Beneficiati. Meta dawn il-Beneficiati inġabru fl-oratorju il-kappillan baqa' fil-knisja jistenna lill-Inkiżitur u meta waslu l-kappillan kien diġà libes il-mozzetta u r-rukketta. L-Inkiżitur imbagħad libbes il-Kappa Magna minflok il-mozzetta lill-kappillan u wara ċ-ċerimonja kulħadd mar fl-oratorju biex jibdew is-sevizz ta' ringrazzjament.**

**...../ikompli**

Dan il-kulleġġ tal-Beneficiati kien uniku u storiku ħafna. Kien jeżisti biss fil-knisja San Lawrenz u kien beda fi żmien l-Inkiżitur Antonio Ruffo li bħal zijuh l-Inkiżitur Tommaso Ruffo kien benefattur kbir tal-knisja. Il-Kulleġġ ġie inawgurat fl-1725 wara l-Konsagrazzjoni tal-knisja fl-1723.

Oratorju tal-Kunċizzjoni

Dan l-oratorju kien fl-ispazju wara n-niċċa tal-vara ta' San Lawrenz u l-kappellun tal-Kurċifiss ta' Kandja (Kreta). Dan kien jikkonsisti fi spazju twil u dejjaq u fit-tarf tiegħu illum hemm altar li qabel kien tal-kappellun ta' San Franġisk li tneħħa fl-1970 sabiex minfloku titpoġġa n-niċċa tal-vara ta' San Lawrenz. Dan l-ispazju huwa użat illum għal bżonnijiet u armar tal-knisja.

It-tieni kampnar ġie miżjud u l-ewwel ġebla tpoġġiet mill-isqof Pietru Pawl Pace f'Awissu 1913. Propju wara dan il-kampnar sa wara l-kappellun tal-Kurċifiss insibu li kien dan l-oratorju ddedikat lill-Madonna bit-titolu tal-Kunċizzjoni. L-aċċess għal dan il-lok illum huwa permezz ta' bieb ma' ġenb in-niċċa tal-qaddis patrun.

Ma nafux eżatt meta dan l-oratorju żgħir kien mibni iżda nafu li kien jeżisti sas-sena 1659, qabel il-bini tal-knisja preżenti. L-aċċess oriġinali għal dan il-lok kien milħuq b'numru ta' tarġiet minn barra 'l knisja. Aktar tard inbena l-bieb mill-istess knisja li diġà semmejna li nsibu llum. Dokument jaqra li bi dritt id-daħla għal dan il-lok mill-istess knisja, il-Konfraternita' kellha tħallas *skud* kull sena lill-kappillan tal-parroċċa. Naturalment dan l-oratorju huwa totalment differenti llum għax huwa jidher ferm iżgħar milli kien qabel sas-sena 1913 meta ġie mibni t-tieni kampnar li ħa biċċa art sewwa minnu.

Oratorju ta' San Filippu Neri

L-oratorju ta' San Filippu ma jeżistix aktar. Dan kien jikkonsisti f'bini żgħir għal komunità żgħira li n-numru ta' membri attwali dejjem baqa' jonqos matul is-snin sakemm spiċċa għal kollox fil-Birgu. Il-patrijiet, magħrufa bħala Oratorjani ta' San Filippu Neri, saru s-sidien ta' ġnien ma' ġenb il-knisja ta' San Filippu u anki kienu jieħdu ħsieb l-istess ġnien. Dan l-ispazju illum huwa użat bħala post fejn jipparkjaw il-karrozzi. Dawn il-patrijiet stabbilew l-oratorju u xtraw dar qrib tiegħu. Dan l-oratorju kien jikkonsisti f'sala ta' daqs moderat ma' ġenb il-knisja. Pittura ferm sabieħa tal-Madonna iżżomm lil Ġesù kienet

**iżżejjen dan l-oratorju. Fil-pittura nsibu lil Sant'Antnin ta' Padova u lil San Filippu fuq in-naħa l-oħra.**

**F'dan l-oratorju kienet saret okkażżjoni speċjali - din kienet saret f'erba' okkażżjonijiet diversi flimkien. Dawn kienu (1) id-dinjità tal-Kolleġġjata meta saru ċelebrazzjonijiet f'dan il-post wara li l-knisja San Lawrenz ġiet mgħollija għad-dinjità ta' Kolleġġjata, (2) il-pussess tal-kanonċi ġodda, (3) il-Milied u (4) s-Sena Ġdida. Mistednin ġew invitati fejn kienu ġew milqugħa mill-istess kanonċi ġodda. Il-festa saret fil-ġnien stess taħt is-siġar iffullati li kien fih. Il-ġnien kien kważi jmiss mal-knisja. Don Lorenzo Lanzon, bniedem ħabrieki li għamel ħafna xogħol għall-knisja San Lawrenz, kien ukoll il-Propostu tal-knisja ta' San Filippu fil-Birgu. Il-pussess sar fil-31 ta' Diċembru 1821 meta id-Dekan tal-Katidral, il-kanonku Biagio li kien ukoll il-Vigarju tal-Isqof ta' Malta, ta l-pussess lil 18-il kanonku ġodda waqt il-ħsejjes ferrieħa tal-qniepen tal-knisja tal-Birgu, l-Isla u Bormla. F'wieħed mis-seba' volumi li ħallielna l-kanonku Lanzon insibu tagħrif b'dettal dwar dawn iċ-ċelebrazzjonijiet imsemmija.**

**Oratorju tal-Fratellanza tal-Karità**

**Meta nidħlu fil-kappella tas-Sagrament fil-knisja parrokkjali li ġiet mibnija fl-1786 fuq ix-xellug meta nħarsu lejn l-altar, hemm kienet id-daħla għall-oratorju li kien tal-Konfraternità tal- Karità. Din il-Konfraternità bdiet fil-Birgu fis-sena 1582 u l-oratorju l-ġdid issemma' għall-Madonna tal-Karità. Dan kellu bieb ieħor li kien jagħti għal Triq l-Irlandiżi, illum imsemmija għal Wenzu Dyer. Dan l-ortaorju kien mantnut tajjeb ħafna finanzjarjament mill-Baruni Bartolomew Testaferrata. Dan kien ħallas nofs il-prezz minn butu stess. Żewġ terzi minn nofs l-ieħor tħallsu mill-Kanonku Anton Testaferrata li kien benefattur kbir tal-knisja tagħna, u t-terz l-ieħor kien tħallas mill-Bank tat-tribunal tal-Inkiżizzjoni.**

**Wara l-bini tal-Kappella tas-Sagrament il-Konfraternità tal-Karità kienet imħallsa żewġ skudi bħala kirja perpetwa mill-Papas tal-Griegi sabiex kamra ġiet mgħotija lilu. Din il-kamra żgħira kienet bejn l-oratorju u s-sagristija l-qadima tal-knisja li ippermettiet dħul għall-oratorju stess mill-kappella tas-Sagrament. Din il-Konfraternita' kienet torganizza funzjoni f'Ħamis ix-Xirka filgħodu qabel il-funzjoni uffiċjali tal-parroċċa. Dawn kien jsejħu l-iktar familji foqra tal-parroċċa, jaħslulhom saqajhom bħala tifkira ta' meta Kristu ħasel saqajn l-Appostli u jagħtuhom xi flus bħala att nobbli tal-karità. Din il-Konfraternità kienet magħrufa sew għall-karità li kienet twettaq fil-Birgu.**

**Sfortunatament din il-Konfraternità waqfet mill-funzjonijiet tagħha kif bdiet it-Tieni Gwerra Dinjija fl-1940.**

**Kappella ta' Santa Katerina tal-Italja**

**Din kienet kappella żgħira ħafna fi Triq San Lawrenz. Ma' ġenbha kien hemm klinika u l-Berġa tal-Italja li sfortunatament kollox ġie meqrud fl-aħħar gwerra. Kemm il-klinika kif ukoll il-kappella kienu jservu lill-Kavallieri tal-Lingwa Taljana u l-Kavallieri Taljani stess kienu jieħdu ħsiebha. Dan il-bini huwa mmarkat b'tabella tal-irħam mal-ħajt ta' bini li ġie mtella' wara l-gwerra fuq l-istess sit fejn kienet il-Berġa. Il-kappella żgħira iżda ħelwa ħafna skont dokument (*la piccola e dolcissima cappella Italiana)* kienet mibnija taħt ir-residenza tal-*Prodomo (*Balliju) tal-Berġa Taljana. Meta ġew l-Ingliżi Malta wara s-sena 1800 dan l-ispazju beda jkun użat bħala mħażen għall-Ammiraljat tas-servizzi Ingliżi. Ma' ġenb il-Berġa Taljana kien jeżisti ftuħ u bankina baxxa magħrufa bħala *Il Ballette.,* Dan kien assoċjat mal-karnival organizzat mill-Kavallieri Taljani li kien beda f'Malta fis-sena 1535 u jingħad li kien l-ewwel Karnival organizzat f'Malta.**

**Kappella tal-Qalb ta' Ġesù**

**Fl-istess sit fejn hemm l-uffiċini tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ġewwa Couvre Porte kien hemm din il-kappella ma' ġenb l-Għassa tal-Pulizija li kien hemm qabel fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. Il-pulizija kellhom din il-kappella ħelwa wisq iddedikata lil Qalb ta' Ġesù f'waħda minn dawk is-swali li hemm. Illum din hija użata bħala esibizzjoni tar-ritratti organizzata mill-istess Kunsill (Birgu Permanent Photo Exhibition). Meta kienet waqgħet il-koppla tal-knisja parrokkjali nhar l-4 ta' April 1942, din ġiet magħluqa għas-servizzi kollha u l-Arċipriet, il-kanonku Pawlu Galea ta' dak iż-żmien, beda juża din il-kappella minflok il-knisja ta' San Lawrenz. F'dan iż-żmien ikraħ żmien tal-gwerra din il-kappella serviet għas-servizzi u ħtiġijiet kollha parrokkjali għan-nies tal-lokal bħal magħmudijiet, funerali, quddies, tiġijiet ecc. Din il-kappella serviet lill-pulizija anki qabel il-gwerra u taħt din kien ġie mħaffer xelter li kellu ftugħ ieħor għall-foss il-kbir.**

**Nies mit-tliet ibliet kienu joqgħodu fix-xelters tal-foss il-kbir f'dawn iż-żmienijiet u kamra temporanja tal-injam ġiet mibnija fl-istess foss fejn serviet bħala kappella temporanja għall-Arċipriet u l-parruċċani kollha. Kienu jieħdu**

**ħsiebha l-istess Arċipriet Pawl Galea u Dun Richard Born li dejjem qaddsu għall-ħtiġijiet ta' dawk kollha li baqgħu fil-Birgu u l-ibliet l-oħra tal-madwar.**

**Il-pittura tal-Madonna tad-Duluri, li kienet tiġi mżejna fil-festa tad-Duluri li kienu jżejnu l-pulizija f'din il-kappella, illum qegħda fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fil-Furjana.**

**---------------------------------- T M I E M ----------------------------------**

**Nota Editorjali**

**Dan l-artiklu ttieħed minn mill-ktieb "Churches, Chapels & Oratories in Vittoriosa" li llum jinsab "out of print". Is-Sur Gauci, l-awtur innifsu ta' dan il-ktieb, għoġbu mhux biss li jagħtina dan l-artiklu għal dan is-sit iżda wkoll li jaqilbu għall-Malti hu stess. Ta' dan nirringrazzjawh.**